# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 26 ta' Mejju 2022**

Appell numru 413/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ryan SULTANA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Ottubru 2021 fil-konfront ta' Ryan SULTANA (detentur tal-karta tal-identita' numru: 0329497M) li ġie mixli talli nhar il-5 ta' Novembru 2016 għal ħabta ta' bejn is-sitta ta' wara nofs in-nhar u s-sitta u kwart ta' wara nofsinhar ġewwa triq Ħal Far, limiti tal-Gudja, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti waqt li kien qiegħed jsuq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota tip Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni ABV 105:

   i) Involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' Barry Christopher Zammit;
   ii) Talli fl-istess data ħin, lok u ċirkostanzi għamel ħsara fil-mutur tal-għamla Honda bin-numru reġistrazzjoni ACG 992 propjeta' ta' Barry

Christopher Zammit ai termini tal-Artikolu 328 al-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni ABV 105 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avuvat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirriforma s-sentenza appellata u ċjoe biex tħassarha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah u minflok issib lill-imputat appellat ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u sussegwentement sabiex timponi piena ai termini tal-Liġi u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

i) Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta ma sabitx lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Illi anki l-espert Mario Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu kkonkluda li Ryan Sultana saq il-vettura tiegħu b'mod perikoluż u b'negliġenza u imprudenza kbira;

ii) Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) straħet fuq naħa waħda tar-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg. Illi l-Qorti tal-Maġistrati kellha tikkunsidra l-provi kollha miġbura quddiemha u mhux parzjalment tapplika r-relazzjoni tal-espert fir-rigward tal-vittma u mhux fil-konfront tal-imputat appellat.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment

korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs**

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

---

**Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha,

jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li**

---

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li

kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx

legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. II- IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

29. Illi nhar il-5 ta' Novembru 2016, il-Pulizija ġew infurmati li kien seħħ inċident bejn karozza u mutur ġewwa Triq Ħal Far f'Birżebbuġa. Il-Pulizija marret mill-ewwel fuq il-post tal-inċident u sabet persuna maskili wiċċha 'l isfel fit-triq u kien għalhekk illi ssejħet l-ambulanza. Mill-ewwel stħarriġ li għamlet il-Pulizija kien jirriżulta li l-ħabta seħħet bejn vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta'

reġistrazzjoni ABV 105 misjuqa minn ġuvni ta' dsatax -il sena bl-isem ta' Ryan Sultana u mutur tal-għamla Honda C 600 bin-numru ta' reġistrazzjoni ACG 992 li kien misjuq minn Barry Christopher Zammit. Ġiet imnidija wkoll Inkjesta Maġisterjali fejn ġew maħtura numru ta' esperti sabiex jassistu lill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera fl-inkjesta.

30. Illi s-sewwieq tal-mutur Barry Christopher Zammit ġie ċċertifikat mejjet fuq il-post fejn skont ma rriżulta mill-awtopsja li saret fuq il-kadavru tiegħu, irriżulta li kien miet kaġun tal-'multiple injuries' li sofra fl-inċident mal-vettura misjuqa mill-appellat. Meta s-sewwieq tal-vettura ġie mistoqsi ta' x'kien ġara, huwa kien wieġeb li kien qiegħed isuq sabiex joħroġ minn fuq l-istop sign li hemm sabiex toħroġ mill-isqaq li jagħti għal Ħas-Saptan u jiġbed lejn id-direzzjoni tal-ajruport u kif ħareġ sema' daqqa fuq wara tal-karozza misjuqa minnu.

31. Illi viċin il-post tal-inċident kien hemm ukoll żewġ persuni bl-isem ta' Andras Tolgyisi u Nora Ilisics li kienu qegħdin jaraw l-ajuplani fil-mitjar tal-Gudja u dawn ukoll taw il-verżjoni tagħhom lill-Pulizija kif ukoll xehedu fl-inkjesta maġisterjali. Illi t-tnejn li huma xehdu kif fil-mument illi kienu qegħdin b'ħarsithom lejn ir-runway tal-mitjar tal-Gudja, semgħu ħoss qawwi ta' mutur ġej minn warajhom. Jixhdu li hekk kif dawru rashom sabiex iħarsu, raw il-kolliżjoni bejn il-mutur u l-vettura misjuqa mill-appellat bil-mutur u s-sewwieq tiegħu mad-daqqa jtiru fl-arja qabel ma jissabbtu mal-art. Dawn ix-xhieda jgħidu wkoll li l-inċident seħħ ftit metri 'l bogħod minnhom u li meta marru fil-post fejn seħħ l-inċident, setgħu jinnutaw kif is-sewwieq tal-mutur kien qiegħed jieħu nifs fil-fond u ma tkellimx, filwaqt li s-sewwieq tal-vettura kien fi stat ta' paniku.

32. Illi nhar is-7 ta' Diċembru 2020, il-Pulizija ressqu lill-appellat Ryan SULTANA quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'rabta mal-inċident ta' nhar il-5 ta' Novembru 2016 liema inċident, kif intqal, kien safa' l-ħajja tas-sewwieq tal-mutur, Barry Christopher Zammit u għalhekk ġie mixli fost oħrajn bil-qtil involontarju tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni**

**miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel u tat-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali.**

33. L-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat SULTANA hija dik ipotizzata fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, liema dispożizzjoni tal-Liġi titatta l-materja tal-kolpuż u taqra bis-segwenti mod:

> (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).

34. Issa, sabiex jitqies integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, jeħtieġ li tirrikorri:

> kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.[10]

35. L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Richard Grech** deċiża nhar il-21 ta' Marzu, 1996:

> Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.
>
> "Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice

[10] **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar l-4 ta' Frar 1961.

dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).

Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, lartikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja talhajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'. ….

Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.

36. Taħt il-Liġi Ingliża, il-każ klassiku li jitratta l-elementi tar-reat magħruf bħala Gross Negligence Manslaugher[11] huwa dak ta' **R vs.**

[11] Irid jingħad li taħt il-Liġi Ingliża l-kunċett ta' Manslaughter jista', skont il-każ, jew jaqa' taħt il-kappa ta' Gross Negligence Manslaughter jew Corporate Manslaughter b'dan tal-aħħar ikun jirreferi iktar għal sitwazzjoni fejn korp magħqud ta' persuni jkunu responsabbli għall-aġir dannuż milli minn individwu li jkun naqas mill-obbligi tiegħu f'kuntest partikolari bħalma hu xi engineer, tabib jew bennej/kuntrattur.

**Adomako**[12] (1995) 1 AC 171 fejn Lord Mackay of Clashfern LC f'paġna 187 tas-sentenza qal hekk:

> In my opinion, the law as stated in these two authorities Bateman (1925) 19 Cr. App. R. 8 and Andrews v DPP [1937] AC 576 is satisfactory as providing a proper basis for describing the crime of involuntary manslaughter. Since the decision in Andrews was a decision of your Lordships' house, it remains the most authoritative statement of the present law which I have been able to find, and it has not been departed from. On this basis, in my opinion the ordinary principles of negligence apply to ascertain whether or not the defendant has been in breach of a duty of care towards the victim who has died. If such breach of duty is established the next question is whether that breach of duty caused the death of the victim. If so, the jury must go on to consider whether that breach of duty should be characterised as gross negligence and therefore as a crime.

37. U f'każ iktar reċenti, **R vs. Rudling**[13] (2016) EWCA Crim 741 f'paragrafu 18 intqal hekk dwar l-elementi li jsawu dan ir-reat mill-President of the Queen's Bench Division:

> We can summarise the law shortly. The critical ingredients of gross negligence manslaughter can be taken from R v Prentice, Adomako and Holloway [1994] QB 302 in this court and Adomako [1995] 1 AC 171, [1994] 99 Crim App R 362 in the House of Lords as well as R v Misra [2005] 1 Cr App R 21. They can be summarised as being the breach of an existing duty of care which it is reasonably foreseeable gives rise to a serious and obvious risk of death and does, in fact, cause death in circumstances where, having regard to the risk of death, the conduct of the defendant was so bad in all the circumstances as to amount to a criminal act or omission (see Adomako [2005] 1 Cr App Rep at 369). The elements of GNM were set out by the House of Lords in R v Adomako [1995] 1 AC 171.

38. Illi minnufih jiġi rilevat li l-iskop tal-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, huwa dak li jipproteġi l-ħajja u l-inkolumita' tal-persuni minn kondotta volontarja, negliġenti, liema negliġenza tkun tikkonsisti 'f'nuqqas ta' ħsieb' (imprudenza), 'traskuraġni', 'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tal-aġent tar-reat (imperizja) jew 'f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti'. Illi kif diġa osservat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta' xi trid tfisser meta tirrferi għal kunċetti ta' 'nuqqas ta' ħsieb' u 'traskuraġni', iżda huwa ċar li hawnhekk il-Leġislatur qiegħed jirreferi għal sitwazzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' ħsieb u ta' diżattenzjoni f'kuntest fejn wieħed ikun rikjest jew ikun pretiż minnu li jadopera ċertu kawteli. F'dan ir-rigward il-**Professur Mamo** fil-Lectures in Criminal Law jgħid hekk:

---

[12] The Crown Prosecution Service | The Crown Prosecution Service (cps.gov.uk) aċċess: 2 ta' Mejju 2022
[13] Ibid.

it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances.

39. Kwindi, hawnhekk il-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'mod **negliġenti** u **bħala konsegwenza diretta** ta' dan l-għemil negliġenti ikun ġie **kkawżat event dannuż lil terzi persuni** liema event dannuż kien **prevedibbli għalkemm mhux previst**. Illi mbagħad fejn l-event dannuż si tratta ta' mewt (jew offiża involontarja) kaġun ta' inċident awtomobilistiku, l-eżerċizzju probatorju jrid neċessarjament jiċċentra fuq x'kienet il-kawża prossima tas-sinistru stradali fis-sens illi jrid jiġi stabbilt **ness** bejn il-komportament negliġenti tal-kolpevoli u l-konsegwenti mewt/korriment tal-vittima tal-inċident. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Christopher Siegersma** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Lulju 2007 fejn intqal is-segwenti:

> Illi fir-rizoluzzjoni tar- responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "IlPulizija vs. Emmanuele Grixti" (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim."Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef" [3.12.1960].)

40. Għaldaqstant l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jistrieħ fuq :

i) L-element tal-kulpa naxxenti minn komportament volontarju, li jkun magħmul b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, b'nuqqas ta' ħila fl-arti/professjoni jew min-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti;
ii) Li l-awtur ma jkunx preveda l-event dannuż;
iii) Li jkun hemm l-element tal-prevedibilita' tal-event dannuż ikkawżat; u
iv) Rabta bejn dan l-imġieba volontarja neġliġenti u l-event dannuż.

41. Illi l-kondotta kolpuża imsemmija tista' wkoll timmanifesta ruħha f'żewġ kategoriji ta' mġieba umana, ċjoe:

(i) Il-kondotta kolpuża konsistenti fi ksur ta' dawk ir-regoli li huma bbażżati fuq l-esperjenza tal-ħajja komuni jew
(ii) Il-ksur ta' dawk ir-regoli statutorji li jimponu l-osservanza ta' ċerti regoli intiżi sabiex jikkawtelaw u jipprevjenu l-avveniment ta' ċerti inċidenti.

42. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Tarcisio Fenech** deċiża nhar is-26 ta' Marzu 1998:

> L-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tagħna jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivanti mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem ''nuqqas ta' ħsieb'', ''traskuraġni'' u ''nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni'' filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem ''nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti''. **Huwa appena neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti l-leġislatur mhux qiegħed jirreferi biss għal-leġislazzjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordniiet eċċ) iżda għal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita u għalhekk qed tirreferi wkoll għal dawk ir-regolamenti ppromulgati minn enti privati (bħal per eżempju r-regolament infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika.**[14]

43. Illi għaldaqstant, fejn si tratta ta' inċidenti awtomobilistiċi, ir-responsabilita' penali taħt l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, tista' tirriżulta fi ksur kemm ta' dawk in-normi stradali li timponi l-Liġi bħalma nsibu fil-Highway Code, kif ukoll minħabba ċirkostanzi fattwali ppruvati li jixhdu kif is-sewqan tal-imputat kien nieqes mill-bwon sens u kawtela li tirrikjedi l-esperjenza komuni f'dawk iċ-ċirkostanzi li kienu jikkaraterizzaw is-sewqan tiegħu.

44. Illi, skont l-insenjament tal-ġurisprudenza, it-terminoloġija adoperata fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tikkontempla diversi forom ta' kondotta kolpuża. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg** et deċiża nhar il-31 ta' Lulju 1998, irrilevat is-segwenti:

> Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili :
>
> L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli.
>
> In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu.
>
> L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali ċjoe' kif jgħid il-Manzini ''inettitudine e insufficienza professjonale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto.''

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

> Il-kulpa tista' tkun ukoll dovuta għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi ċjoe dawk li jkollhom l-element ta' prevenzjoni bħalma hi l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

45. Huwa **l-element tal-prevedibilita'** tal-event dannuż li jakkomuna kull forma ta' kondotta kolpuża. Fi kliem sempliċi, meta d-dannu kkawżat għalkemm mhux previst (u volut) seta' kien prevedibbli bl-eżerċizzju ta' ċerta diliġenza u attenzjoni, allura l-aġir tal-aġent tar-reat jiġi klassifikat bħala kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo fin-noti tiegħu Lectures in Criminal Law, Volume 1, jagħmel referenza għall-insenjament tal-ġurista Francesco Carrara :

> Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa

46. U fuq dan l-element ta' prevedibilita', l-Antolisei, fil-ktieb tiegħu **Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)**[15] wkoll jiċċita lil Francesco Carrara fejn dan qal is-segwenti:

> Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' **l'essenza della colpa sta nella prevedibilita.**[16]

47. L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **Saverina sive Rini Borg** appena ċitat fejn il-Qorti fissret kif huwa propju l-element tal-prevedibbilita' li jiddistingwi l-kolpuż mid-doluż u għalhekk isir ċentrali li jiġi eżaminat l-istat mentali tal-aġent tar-reat sabiex issir din id-distinzjoni:

> Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-prevedibbilita' ta' l-event dannuż li kondotta llegali ta' xi ħadd tista' ġġib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejħa colpa incosciente a differenza minn dik l-imsejħa colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-prevvist tal-akkadut.

48. Issa, għal dak li jirrigwarda l-prevedibilita' o meno tal-event dannuż, kif osservat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jeżistu żewġ teoriji, dik soġġettiva li tenfasizza l-istat mentali tal-aġent tar-reat fil-mument li jagħmel l-att li wassal għall-event dannuż u f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari u, it-teorija oġġettiva li tibbaża t-test tal-

[15] Antolisei, Manuale di Diritto Penale (Parte Generale) (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[16] Enfasi ta' din il-Qorti.

prevedibilita' fuq il-perspettiva tal-bonus paterfamilas u ċjoe' ta' persuna ta' sagaċja ordinarja. Minn ħarsa akkurata tal-ġurisprudenza tal-Qrati, jidher li teżisti diverġenza fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan it-test. Jirriżulta kif fil-kawża **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli**, il-Qorti Kriminali abbraċċjat it-teorija oġġettiva tal-bonuspaterfamilias bħala t-test sabiex tiġi determinata l-prevedibilita' o meno tal-event dannuż:

> Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna **li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali**[17]: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza talkaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"

49. Madanakollu, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** deċiża nhar it-23 ta' Jannar 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, it-teorija tat-test oġġettiv kienet skartata in kwantu ma tikkunsidrax l-istat mentali tal-akkużat fil-mument li jkun qiegħed iwettaq l-għemil krimunuż (negiġenti) **<u>f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun:</u>**

> Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et.** F'dik is-sentenza nghad hekk:
>
> **"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att.**[18] Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland:
>
> ""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the

[17] Enfasi ta' din il-Qorti.
[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."

"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk"4 u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall says, 'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.

"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."

50. Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tirrileva li in kwantu l-Liġi Penali tagħna hija modellata fuq il-Codice Zanardelli tal-1889, it-tendenza hija iktar favur l-**<u>interpretazzoni soġġettiva tal-element tal-</u>**

**prevedibilita’** u dan skont ma jirriżulta mill-kummentarju ta’ diversi ġuristi Taljani fuq il-kunċett tal-kolpuż. **Ikun għalhekk ifisser li in fattispecie, irid jiġi eżaminat jekk l-appellat SULTANA, fiċ-ċirkostanzi li kien fihom, setax raġonevolment jipprevedi l-inċident bħala konsegwenza tas-sewqan tiegħu u mhux daqstant x’kien jagħmel bniedem ta’ sagaċja ordinarja fl-istess sitwazzjoni.**

51. Biss, pero’ din il-Qorti jeħtieġ li tistħarreġ ukoll jekk setgħax il-vittma stess ikkontribwixxa għall-fatalita’ tiegħu u jekk tali kontribut kienx tant b’saħħtu li jannulla kwalsiasi forma ta’ kolpevolezza tal-imputat jew inkella kienx fi grad tali li n-ness bejn is-sinistru stradali u s-sewqan tal-imputat ma jkunx jista’ jiġi hekk imxejjen. Hawnhekk qegħdin fir-realm tal-hekk imsejjaħ **‘contributory negligence’** liema negliġenza huwa paċifiku li ma teżonerax lill-imputat mir-responsabilita’ penali taħt l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jekk din in-negliġenza ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru stradali. Dan ikun ifisser li applikat it-test tal-prevedibilita’ u tal-‘proper look out’, ikun jemerġi li anki sewwieq prudenti u diliġenti, f’dawk iċ-ċirkostanzi, ma seta’ qatt jevita li jiġi kkawżat l-event dannuż minħabba l-aġir negliġenti tal-vittma stess.

52. F’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Anna Rita sive Anita Camilleri** deċiża nhar il-25 ta’ Settembru 2003:

> Illi gie umbaghad dejjem ritenut li f ’sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor , ammenoche’ dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta’ haddiehor . (App. Kriminali: “Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri” (16.3.1961) ; “Il-Pulizija vs. John Polidano “ (3.11.1963) ; “Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud” (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn. ) Dana ghaliex il- “contributory negligence” ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru . (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)

53. Illi l-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Christopher Zammit** deċiża nhar l-20 ta’ Settembru 2018:

> Illi maghdud dan, madanakollu ‘...f'materja kriminali n-negligenza kontributorja ta' hadd iehor ma teskludix in-negligenza proprju, ammenokke ma tkunx "aktar minn kontributorja", cjoe' deciziva tal-incident’ jew ‘jekk ma tkunx hi l-kawża unika tas-sinistru’ .

54. Issa, għal dak li jirrigwarda l-element tal-‘proper look out’ meħtieġ minn kull sewwieq prudenti u diliġenti, din il-Qorti tagħmel

pjena referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018:

"Ibda biex ......, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak iddriver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u talkonsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din lemergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car 5 iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghallgharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "IlPulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)"

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk issitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:

a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;
b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;
c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente." …..

ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn

fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta: “In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere. Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa’ dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta’ tal-att, in-nuqqas ta’ previzjoni tal-effetti dannuzi ta’ dak l-att u l-possibilta’ ta’ previzjoni ta’ dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b’diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista’ ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide IlPulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta’ Dicembru 1958 mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali)”

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta’ zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, “… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell’atto - 2° mancata previsione dell’effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere.” **Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. 6 Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: “In these definitions the essence of negligence is made to consist in the “possibility of foreseeing” the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable**”.[19]

**L-Antolisei, izda jimxi pass ‘il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta’l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta’l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta’ dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx[20]**: “Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l’evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva.”

Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta’lAntolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita’ biex b’hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f’erba elementi: 1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l’evitabilità dell’evento mediante l’osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.

[19] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[20] Enfasi ta’ din il-Qorti.

Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."

55. Ukoll, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Shaun Debono** deċiża nhar it-18 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret is-segwenti fuq il-kunċett ta' 'proper look out':

Illi hu ovvju li l-ewwel u l-laqwa mod kif wieħed jista' jassikura ruħu minn dan hija billi jeserċita 'a proper look out' u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiż-żewġ direzzjonijiet. Illi hu ovvju li l-appellant ma żammx proper lookout għax kieku ħares tajjeb 'il quddiem, u lejn il-lemin tiegħu kien jara il-mutur ġej jeljh. Dan il-mutur ma waqax mis-sħab jew immaterjalizza fit-triq proprju kif hu kien qiegħed jittanta jaqsam il-karreġġjata. Bil-fors li kien ilu viżibbli għal ċertu interval. Bil-fatt li l-appellant jibqa' jinsisti li hu fl-ebda ħin ma ra l-mutur qabel l-ħabta, qed jinkrimina ruħu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.

56. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-isteering wheel f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-proper look-out bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.

Is-sewwieq irid dejjem iżomm proper look-out u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians.

Id-dover ta' proper lookout:

: '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] )." In oltre "..kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) :-
"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."

57. Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal kawża **Horace Balzan Falzon Wintrup vs. Joseph Attard** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) fit-30 ta' Lulju 2010 fejn intqal is-segwenti fuq il-kunċett ta' 'proper look out' f'materja ta' inċidenti stradali:

> Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fissewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tattraffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. "Side road user [ghandu] 'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli" "Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola ssewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bixxita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…."
>
> **Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view**.[21] "The duty to look implies the duty to see what is in plain view". Konformament mal-premess u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevazna qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out".

## Ikkunsidrat

58. Illi l-inċident mertu tal-każ in kwistjoni seħħ preċiżament fil-mument meta SULTANA ħareġ bil-vettura tiegħu minn ġewwa t-triq sekondarja li kienet tagħti għall-inħawi ta' Ħas-Saptan għal fuq it-triq prinċipali bl-isem ta' Triq Ħal Far ġewwa Birżebbuġa. Dan jirriżulta mhux biss minn kliem SULTANA iżda anki minn dak li xehdu ż-żewġ xhieda barranin Andras Tolgyisi u Nora Ilisics li kienu qegħdin fil-viċinanzi ta' fejn seħħ l-inċident. F'dan ir-rigward irid jingħad li SULTANA ta l-verżjoni tiegħu tal-akkadut darbtejn u ċjoe' l-ewwel lill-Pulizija a tempo verġine u t-tieni darba lill-espert imqabbad mill-Qorti

[21] Enfasi tal-Qorti.

fl-inkjesta maġisterjali Mario Buttigieg. Lill-Pulizija SULTANA qallhom li kien qiegħed isuq ħiereġ mill-isqaq direzzjoni lejn l-ajruport ta' Ħal Luqa u **kif ħareġ** minn dan l-isqaq li jagħti għal Ħas-Saptan, sema' daqqa fuq wara tal-karozza. Imbagħad lill-espert Mario Buttigieg, huwa jgħid li l-inċident ġara hekk:

> Kif għaddejt mit-trejqa u wasat fit-triq il-maġġura jiena waqaft, ħarist 'il fuq u 'l isfel, erġajt ħarist darbtejn oħra, rajt li ma kien ġej ħadd u ħriġt b'mod regolari. Ngħid li l-vettura tiegħi hi automatic. **Kif ħriġt u ddrittajt u bdejt anki nsuq ħassejt ħoss qawwi** u l-vettura ssussat minn wara. Jiena dak il-ħin friżajt peress li kont naf li ma kien ġej ħadd.

59. Illi mbagħad Andras Tolgyisi f'paġna 116 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> On the 5th November 2016, at around 18.02 hr, Nora Ilises and myself were walking along the pathway of the Gudja Airport. At that time we were looking at the direction of the runway when I heard a big noise coming from the motorcycle. This noise came from behind me. I turned my head to the right hand side and it was the exact moment when the motorcycle collided into the rear of the car. The collision occured just a few metres from where we were walking. **Before the accident we did not see the vehicle travelling in the road.**[22]

60. Illi mix-xhieda ta' Tolgyisi kwindi din il-Qorti tislet li fil-mumenti ftit qabel l-impatt tal-vettura misjuqa minn SULTANA mal-mutur misjuq minn Zammit, il-vettura ma kinitx għadha tidher fit-triq primarja u proprju għaliex allura din il-vettura kienet għadha wieqfa fit-triq sekondarja u ċjoe f'dik it-trejqa li tagħti għal Ħas-Saptan u ma kinitx għadha ħarġet. Biss, minn kliem Tolgyisi wkoll jirriżulta li l-impatt seħħ fil-franġent (żgħir) ta' bejn dak il-mument li huwa kien sema' ħoss qawwi ta' mutur ġej minn warajh u dak il-mument ta' meta huwa dawwar rasu **minnufih** u ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh. Jekk allura sal-mument illi huwa kien sema' dak il-ħoss tal-mutur, fi kliemu l-vettura ma kinitx għadha tidher fit-triq, ikun bilfors isegwi li l-impatt sar f'dawk il-ftit sekondi meta l-vettura misjuqa mill-appellat ħarġet għal fuq it-triq prinċipali u biex l-inċident seħħ daqshekk malajr jista' jingħad b'sikurezza li l-manuvra tal-appellat kienet veloċi fejn b'veloċi din il-Qorti mhiex qegħda talludi għall-veloċita' tal-vettura iżda għal ħeffa li biha saret l-azzjoni li permezz tagħha l-appellat sabu ruħu fil-karreġġjata ta' fejn seħħ l-inċident.

61. Illi d-domanda li ssegwi allura tkun kemm l-appellat fis-sewqan tiegħu bħala sewwieq li kien ħiereġ minn fuq triq sekondarja għal fuq

[22] Enfasi ta' din il-Qorti.

triq prinċipali, eżerċita dik id-diligenza mistennija minnu f'dawk iċ-ċirkostanzi. U dwar il-kodiċi komportamentali mistenni mis-sewwieq li jkun qiegħed jimmanuvra sabiex joħroġ minn triq sekondarja għal fuq triq arterjali, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Jason John Buttigieg** deċiża nhar it-30 ta' Settembru 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> Il-Highway Code jiddisponi fir-regolament 212 u 213:
> 212. Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq prinċipali.
> 213. F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq prinċipali.
>
> Dana jfisser illi min ikun ser jinvadi it-traffiku fi triq prinċipali irid josserva tlett regolamenti importanti u ċjoe :
> 1. Li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkroċju bil-ħsieb li jaċċerta ruħu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq prinċipali ma jkunx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.
> 2. Li jaċċerta ruħu li ma jkunx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk ikun hemm traffiku, ikun tant 'il bogħod li l-ħruġ tiegħu fuqha ma jkun bl-ebda mod se jfixkel it-traffiku;
> 3. Li jiċċaqlaq għal fuq il-karreġġjata prinċipali bil-mod il-mod inching out u jekk meħtieġ jieqaf għal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku jgħaddi.

62. Illi bl-istess mod intqal mill-Qorti Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Anthony Galea** deċiża nhar il-5 ta' Settembru 1953 fejn l-Imħallef William Harding qal is-segwenti:

> Id-driver li jkun dieħel minn 'side road' għal ġo 'main road' għandu ċerti doveri x'josserva, fosthom dak li jċedi għat-traffiku fuq il-'main road' li jesplora tajjeb il-'main road' qabel ma joħroġ fiha u dak li jmexxi 'dead slow' u saħansitra jwaqqaf, biex u...jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara. Il-'main road user' għandu wkoll joqgħod attent fil-'cross roads': imma l-grad ta' diliġenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas. Imma jekk il-provi juru li l-kawża prossima tal-kolliżjoni kienet unikament in-negliġenza tas-side road user, li l-għemil tiegħu rrenda l-kolliżjoni...

63. Illi wkoll f'dan is-sens, din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Horace Balzan Falzon Wintrup vs. Joseph Attard** fejn il-Qorti tal-Appell Ċivili stqarret is-segwenti fuq l-obbligu tas-side road user:

> Is-sewwieq li johrog minn side road ghal triq principali ghandu jiehu hsieb li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej mittriq principali. Ara f'dan is-sens: **Stagno Navarra vs Saliba et**, Appell 27/11/61 – XLV.i.389; **Montebello vs Gatt**,

Appell 19/08/66 – L.i.296; **Pulizija vs Galdes**, Appell Kriminali 30/05/53 – XXXVII.iv.1108; **Pulizija vs George Buttigieg**, Appell Kriminali 30/03/63 – XLVII.iv.1198; **Pulizija vs Anthony Galea**, Appell Kriminali 30/05/53 – XXXVII.iv.1137.

Minn dawn is-sentenzi johrog car l-obbligu ta' min johrog minn side road li jesplora tajjeb it-triq qabel ma johrog, li jwaqqaf biex jaccerta ruhu minn dan u li jzomm il-proper lookout. Min hiereg ghandu jieqaf ghal kollox sakem jaccerta ruhu li t-triq hija libera (ara **John Farrugia vs Edmond Camilleri**, Appell Civili Inferjuri 09/05/07; u **Pulizija vs John Gregory**, Appell Kriminali 28/09/63). Jinghad ukoll li tali responsabbilta` tizdied fil-kaz ta' min johrog minn entratura jew uxxita li mhix side road propja minhabba li utent tat-triq principali hu fil-pozizzjoni li jipprevedi li tista' tohrog vettura izda din il-previsjoni tonqos sostanzjalment f'kaz ta' semplici entratura.

64. Issa, mir-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg jirriżulta li dakinhar tal-5 ta' Novembru fil-ħin li ġara l-inċident, it-triq kienet imdawwla, il-viżibilita' kienet ċara, il-wiċċ tat-triq kien xott u ma kienx hemm ostakoli bħal siġar jew vetturi pparkjati fit-triq tal-inċident. Lanqas ma jirriżulta li fil-ħin tal-inċident kienu għaddejjin vetturi oħra, hekk kif lanqas ix-xhieda okulari Tolgyisi u Ilisics ma jsemmu xejn f'dan is-sens. Biss, għal dak li jirrigwarda l-viżwal tat-triq prinċipali mit-trejqa minn fejn kien ħiereġ SULTANA jidher li dan ma kienx wieħed li jippermetti faċilment lis-sewwieq li jkun fuq l-istop sign tal-imsemmija trejqa, jipperċepixxi t-traffiku li jkun ġej fit-triq prinċipali. F'paġna 120 tar-rapport tiegħu Mario Buttigieg jgħid hekk:

Meta l-esponent kien fuq il-lok tal-akkadut inċident osserva li minn fejn ħareġ Sultana l-vista tiegħu u għal kull sewwieq fil-posizzjoni tiegħu hija pjuttost limitata. Illi għaldaqstant dak in-nhar tal-aċċess l-esponent talab l-għajnuna ta' uffiċjal tal-pulizija li huwa stazzjonat fid-dipartiment tat-traffik sabiex isuq il-mutur tieħgu mid-direzzjoni li kien ġej minnha l-allegat vittma waqt illi l-esponent mar fil-posizzjoni li kien fiha Sultana. **Illi rriżulta li l-mutur tal-pulizija deher ġej meta kien mija u tnejn u disgħin (192) metru 'l bogħod minn fejn kienet il-vettura ta' Sultana.**[23]

65. F'paġna 22 tar-rapport tiegħu Mario Buttigieg iżid jgħid ukoll li minn kalkoli li huwa għamel irriżultalu kif il-partijiet setgħu jaraw lil xulxin u dan peress li l-motoċiklist kien 'il bogħod madwar 51 metru sa 64 metru mill-vettura misjuqa mill-appellat. Dan ikun ifisser li l-mutur kien fil-*line of vision* tal-vettura li kienet qegħda fuq l-istop sign ħierġa mit-trejqa li tagħti għat-triq prinċipali u l-vettura kienet fil-*line of vision* tas-sewwieq tal-vettura. Kienet din il-kostatazzjoni li wkoll waslet lill-espert Mario Buttigieg li jikkonkludi kif minkejja li l-vittma

[23] Enfasi ta' din il-Qorti.

kkontribwixxiet għall-inċident u għalhekk għall-mewt tagħha stess, SULTANA, kien negliġenti u *reckless* fis-sewqan tiegħu tant li kkonkluda f'paġna 28 tar-rapport tiegħu li:

> dan kien inċident illi ġab konsegwenzi gravi ġie kkawżat primarjament mill-vettura misjuqa minn Sultana li naqas milli jieħu l-miżuri kollha sabiex jevita l-inċident.

66. Mir-riżultanzi ta' dan l-espert tirriżulta dik ir-rabta konsegwenzjali bejn is-sewqan tal-appellat u l-mewt tal-vittima. Apparti minn hekk, l-espert ikklassifika s-sewqan tal-appellat bħala negliġenti. Dan apparti li kkonkluda wkoll li l-appellat SULTANA kien il-kawża prossima tal-inċident peress li l-appellat ħareġ mit-trejqa mingħajr ma ġab ruħu skont dak li hu meħtieġ li jagħmel sewwieq prudenti skont il-Liġi meta jiġi biex joħroġ minn triq sekondarja u jaqsam fi triq prinċipali.

67. Meta tqis dak li kkonkluda l-espert tekniku Buttigieg, din il-Qorti ssibha diffiċli temmen il-verżjoni tal-appellat illi huwa ħa l-prekawzjonijiet kollha hu u ħiereġ mit-trejqa sekondarja għat-triq prinċipali u l-impatt seħħ ftit minuti biss wara li huwa ħareġ mit-trejqa. Din il-verżjoni ta' SULTANA la taqbel ma dak li rriżulta lill-espert tekniku Buttigieg u l-anqas taqbel ma dak li xehdu x-xiehda li raw u semgħu l-inċident iseħħ li qalu li ma kienx hemm wisq ħin bejn il-mument li huma semgħu l-mutur ġej lejhom għall-mument li fih seħħet il-ħabta bejn il-mutur u l-vettura misjuqa minn SULTANA. Skont ix-xhud Tolgysis, il-kolliżjoni seħħet fi ftit sekondi bejn il-mument li hu sema' l-mutur ġej u l-mument li dawwar rasu minnufih sabiex jara x'kienet il-kawża ta' dak l-istorbju u nzerta li ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh – fil-mument fejn il-karozza misjuqa minn Sultana kienet laħqet ħarġet fit-triq u li ftit qabel dan ix-xhud jgħid li ma kienx ra!

68. F'paġna 19 tar-rapport tal-espert Mario Buttigieg jirriżulta li l-vettura misjuqa mill-appellat SULTANA ma ħalliet l-ebda sinjal ta' brejk mal-art. Buttigieg jikkonkludi li minn fejn kien l-appellat fit-triq sekondarja, li kieku verament waqaf fit-tarf tat-triq sekondarja, SULTANA kellu jkun f'qagħda li jara lill-mutur ġej lejh fuq it-triq prinċipali. Iżda minkejja din il-konstatazzjoni oġġettiva da parti tal-espert tekniku, l-appellat SULTANA jgħid li hu, minn dik l-istess posizzjoni, il-mutur misjuq mill-vitma ma kienx raħ. U dan minkejja li, kif ser jingħad iżjed l-isfel, il-mutur laħaq wasal ferm qrib fejn kien

l-appellat SULTANA fit-triq sekondarja qabel ma ħareġ għall-fuq it-triq prinċipali.

69. Dan ifisser allura li SULTANA ma rax il-mutur, mhux għax il-mutur ma kienx jidher minn dik il-posizzjoni jew għax ma setgħax jidher minn dik il-posizzjoni, iżda għaliex SULTANA ma kienx attent biżżejjed fis-sewqan tiegħu b'mod li jieqaf u jħares sew – fid-direzzjonijiet kollha minn fejn setgħa kien ġej it-traffiku – qabel ma jibda jitraprendi l-manuvra biex mit-triq sekondarja li kien fiha jidħol fit-triq prinċipali u jaqbad il-karreġġjata opposta. Fi ftit kliem, l-appellat SULTANA naqas milli jagħti dik l-aħħar daqqa t'għajn fuq it-triq prinċipali fid-direzzjoni ta' minn fejn kien ġej il-mutur.

70. Dan qiegħed jingħad għaliex mill-konstatazzjonijiet oġġettivi li għamel l-espert Buttigieg fuq dak l-istess post wara l-inċident, jirriżulta li mill-post kien ħiereġ l-appellat, mutur ġej setgħa jidher minn distanza ferm akbar minn dik li kien jinsab fiha l-mutur misjuq mill-vitma qabel ma seħħ dan l-inċident. B'hekk dawn ir-riżultanzi u konstatazzjonijiet oġġetti juru li f'dawk l-istess ċirkostanzi li l-appellant kien fihom qabel ma qasam għall-karreġġjata li daħal fiha, li kieku kien verament għajnejh fuq it-triq prinċipali u ħares fid-direzzjoni minn fejn kien ġej il-mutur, huwa kien f'qagħda li jara dak il-mutur ġej.

71. Apparti minn hekk, mir-relazzjoni tal-espert Buttigieg jirriżulta wkoll li meta l-appellat ħareġ għal fuq it-triq prinċipali hu ma għafasx il-brejk. U din il-konstatazzjoni taqbel ma dak li qal l-appellat, ċjoe li lill-mutur ma raħx. Iżda ma raħx lil dan il-mutur mhux għax il-mutur ma kienx jidher minn fejn kien, iżda għaliex SULTANA ma ħarisx sew lejn id-direzzjoni minn fejn kien ġej il-mutur qabel qasam. U iżjed minn hekk apparti li ma raħx ġej, l-appellat l-anqas jgħid li semgħa l-mutur ġej minn dik id-direzzjoni. Issa anke dan il-fatt huwa importanti li jiġi nutat peress huwa diffiċli li l-appellat ma semgħax l-anqas dan il-ħoss ta' mutur li kien qiegħed jinstaq b'dik il-veloċita li jsemmi l-espert fir-relazzjoni tiegħu meta mbagħad ix-xhud li ra l-inċident iseħħ jgħid li hu sema' lil dak il-mutur ġej lejh – ftit sekondi biss qabel l-impatt. Ix-xhud sema' li kien ġej b'ħoss qawwi lejh. B'hekk huwa ferm stramb kif minn post li kien biss ftit metri l-bogħod minn fejn kien l-appellat ix-xhud okulari kemm ra u semgħa lil dan il-mutur ġej lejh, mentri l-appellat la ra u l-anqas semgħa lill-istess mutur ġej.

72. Illi minbarra dan ta' min jinnota wkoll dak li sab l-espert il-Perit Valerio Schembri fir-relazzjoni u l-pjanta preżentati minnu. Il-Perit Schembri jippreżenta l-iskeċċ f'paġna 170 tal-proċess u fejn fuqha l-perit immarka l-punt preċiż minn fejn is-sewwieq tal-mutur beda jagħfas il-break. Dan il-punt huwa mmarkah bl-ittra 'G'. Imbagħad il-Perit Schembri jimmarka bl-ittra 'F' il-punt fejn il-brejk ma baqgħax magħfus. Dan il-punt huwa ferm viċin l-i*spot of impact*. Bejn il-punt 'G' u l-punt 'F' il-Perit Schembri sab li hemm distanza ta' ċirka 37.40 metri. Issa minn din il-pjanta jirriżulta li dan il-punt 'F' huwa l-fuq mill-punt fejn hemm l-i*stop sign* fejn kien l-appellat qabel ma ħareġ għal fuq it-triq prinċipali. Dan allura jfisser li filwaqt li SULTANA qatt ma brejka (għaliex lil tal-mutur ma rahx), is-sewwieq tal-mutur kien laħaq ra l-vettura ħierġa mit-triq sekondarja għat-triq prinċipali – żgur sa minn meta kien minn tal-inqas 37.40 metru qabel l-*ispot of impact*. Din il-konklużjoni din il-Qorti tista' tasal għaliha għaliex is-sinjali tal-break tal-mutur jidhru li jibdew 37.40 metru qabel l-*ispot of impact.* Iġifieri meta s-sewwieq tal-mutur kien laħaq wasal f'dik id-distanza, huwa ra' l-vettura taqsam it-triq, għafas il-brejk, iżda minkejja dan, u minħabba l-veloċita' eċċessiva li kien għaddej biha, dik id-distanza ta' 37.40 metru ma kienetx biżżejjed għalih biex jevita l-impatt mal-vettura misjuqa minn SULTANA li issa kienet invaditlu l-karreġġjata li fiha kien qiegħed isuq.

73. Biss jibqa' l-fatt li s-sewwieq tal-mutur għafas il-brejkijiet tal-mutur il-mument li ħass il-ħtieġa li jagħafashom : minħabba li allura ra l-vettura misjuqa mill-appellat ħierġa għall-fuq it-triq prinċipali fil-korsija tiegħu. Din ir-reazzjoni tas-sewwieq tal-mutur f'dak il-punt li jagħfas il-break hija waħda istintiva in kwantu rreaġixxa mal-mument li ra lill-vetttura ħierġa għal fuq il-karreġġjata tiegħu u għaliex kien konsapevoli mill-veloċita li huwa kien għaddej biha. Iżda dan ma jxejjinx il-fatt li s-sewwieq tal-mutur għafas il-break tal-mutur mal-mument li ġie maħsud mill-vettura misjuqa mill-appellat SULTANA meta din ħarġitlu għal fuq it-triq prinċipali. Din il-konstatazzjoni ta' fatt hija msaħħa minn dik l-oħra msemmija iżjed il-fuq u ċjoe li SULTANA ma għafas ebda break meta ġie biex jaqsam għat-triq prinċipali.

74. Din il-Qorti esplorat ukoll dak li SULTANA ried jimplika f'dan il-każ, meta jgħid li huwa kien laħaq qasam għal fuq it-triq prinċipali, dritta l-vettura u beda miexi l-quddiem u f'daqqa u l-ħin is-sewwieq tal-mutur li kien qed isuq b'veloċita eċċessiva baqa' dieħel fuq wara tal-vettura misjuqa minnu wara li s-sewwieq tal-mutur għafas il-

break. Biss din il-verżjoni tal-fatti hija kontradetta mill-fatti oġġettivi li:

i) Il-fatt li l-appellat SULTANA stess, fis wara l-inċident stqarr kif il-ħabta tal-mutur fuq il-vettura misjuqa minnu seħħet malli huwa ħareġ mit-trejqa sekondarja għal fuq it-triq prinċipali; u
ii) l-osservazzjoni li għamlu x-xhieda okulari li sal-mument tal-inċident huma ma kienux għadhom raw il-vettura tal-appellat misjuqa fit-triq; u li din dehret biss fil-mument tal-kolliżjoni mal-mutur.

75. Dan ifisser ukoll allura li s-sewwieq tal-mutur għafas il-brejk f'dak il-punt immarkat bl-ittra 'G' għaliex kien avverta l-perikolu tal-vettura li ħasditu għaliex l-appellat SULTANA ħareġ mit-trejqa sekondarja mingħajr ma kien intebaħ bil-mutur riesaq lejh b'veloċita; iżda SULTANA l-anqas ma jirriżulta li għamel xi sinjal jew manuvra tipika ta' sewwieq li jkun intebaħ hu wkoll bil-perikolu ta' xi vettura riesqa lejh in kwantu fl-ebda punt ma jirriżulta li għamel xi azzjoni evażiva jew applika l-break.

76. Magħdud dan kollu, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn din eskludiet għal kollox ir-responsabilita' tal-appellat f'dan l-inċident stradali. Huwa evidenti għal din il-Qorti s-sewwieq tal-mutur ikkontribwixxa bis-saħħa biex seħħ dan l-inċident fatali u dan għar-raġunijiet indikati mill-espert Mario Buttigieg li kkonkluda l-veloċita eċċessiva li biha kien qiegħed jinstaq dan il-mutur qabel ma seħħ l-impatt mal-vettura misjuqa mill-appellat SULTANA.

77. Biss, mill-provi appena analizzati ma jistax jingħad anke fuq bażi ta' probabbilita' li din il-veloċita eċċessiva tal-mutur kienet **l-uniku kawża** ta' dan l-inċident stradali. Il-provi huma ċari kristall li kien l-appellat SULTANA li minn triq sekondarja ried jaqsam għal triq prinċipali u b'hekk kellu l-obbligi kollha imposti fuqu, imsemmija iżjed il-fuq, li huwa ried iħares qabel ma jaqbad u jaqsam għal fuq it-triq prinċipali. Iżda apparti dan, jirriżulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert tekniku Buttigieg li l-appellat SULTANA kien f'qagħda li jara – u jisma' – lil dak il-mutur ġej lejh li kieku biss huwa kien verament moħħu fuq it-triq.

78. Huwa minnu li l-espert Mario Buttigieg ikkonstata li mill-punt fejn huwa kien ħiereġ għal fuq it-triq prinċipali, it-traffiku ma kienx

faċilment viżibbli.  Iżda dan il-fatt mhux qiegħed hemm biex ikun jista' jservi ta' skuża għal min ikun qiegħed isuq u jkun irid joħroġ minn triq sekondarja għal fuq triq prinċipali.  Anzi, bil-maqlub, is-sewwieq li jkun ħiereġ minn dik it-trejqa sekondarja huwa aktar u aktar obbligat li jġib ruħu b'attenzjoni u prudenza qabel ma jaqbad u joħroġ għal fuq dik it-triq prinċipali preċiżament għaliex irid ikun ċert li ma jkunx ġej ebda traffiku fil-qrib tiegħu li jista' jostakolalu l-passaġġ u b'hekk jikkawża kolliżjoni.  F'dak il-kuntest, l-appellat SULTANA kien obbligat li jżomm *a proper look out* u **joħroġ biss fuq it-triq prinċipali mhux għaliex ħass li ma kien ġej ħadd iżda għaliex effettivament tassew ivverifika sew u ta' l-aħħar daqqa t'għajn lejn dik id-direzzjoni mnejn kien ġej il-mutur qabel ma jaqsam għal fuq it-triq prinċipali**.

79. Huwa indubitat li l-mutur misjuq mill-vittma kien diġa qiegħed jinstaq fuq it-triq prinċipali u f'viċinanza li l-espert iddefinixxa bħala in *line of vision* tal-vettura misjuqa mill-appetta SULTANA. Jirriżulta wkoll li l-mutur kien qiegħed jagħmel ukoll ħafna storbju li allura seta' mhux biss jiġbed l-attenzjoni tax-xhieda iżda tas-sewwieq ukoll. Kif diġa' ngħad, is-sewwieq tal-mutur lill-vettura raha tal-inqas minn distanza ftit inqas minn 37.40 metru meta ħass il-ħtieġa li jagħfas il-brejk – meta minn fejn kien l-appellat huwa setgħa ra lil dan il-mutur meta kien għadu tal-anqas 192 metru l-bogħod. U kif diġa' ngħad ukoll, kollox jindika li dan il-brejk għafsu fil-mument li l-vettura misjuqa mill-appellat ħarġitlu fuq il-korsija tat-triq prinċipali.

80. Li kieku l-appellat żamm *a proper look out* kien ikun f'pożizzjoni li jara lis-sewwieq tal-mutur ġej u għalhekk kien ikun jista' jipprevjeni dak li kien prevedibbli in kwantu huwa, u għandu jkun prevedibbli għal kull sewwieq li minn triq prinċipali, arterjali, u traffikuża bħal dik ikun għaddej it-traffiku u kien bil-wisq prevedibbli li jekk ma jħarisx sew qabel joħroġ għal fuq il-karreġġjata prinċipali mingħajr ma jagħti dik l-aħħar daqqa t'għajn sew fuq it-triq, setgħa kien hemm vetturi oħra ġejjin minn direzzjoni jew oħra.

81. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li dakinhar tal-inċident l-appellat SULTANA ma kienx għadu xahar li ġab il-liċenzja tas-sewqan u għalhekk l-inesperjenza tiegħu fit-toroq tagħna ċertament ikkontribwixxiet għall-komportament negliġenti tiegħu fil-manuvra li kienet tikkomporta prudenza ikbar sabiex jaċċerta li ma kienx ġej traffiku min-naħa minn fejn kien ġje is-sewwieq tal-mutur.

82. Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li huwa indubitat kif l-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat huma ppruvati sal-grad rikjest mil-Liġi. Inoltre, b'referenza għat-tielet imputazzjoni, din il-Qorti tqis li s-sewqan tal-appellat jaqa' fid-definizzjoni ta' sewqan negliġenti, bla kont, perikoluż u traskurat hekk kif imsemmi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-każistika kopjuża li hija semmiet fis-sentenza tagħha. L-espert Mario Buttigieg - f'paġna 23 tar-relazzjoni tiegħu - ikkonkluda wkoll li s-sewqan tal-appellat kien manifestament klassifikabbli bħala sewqan perikoluż, imprudenti u negliġenti. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddipartixxi minn din l-opinjoni hekk kif sostnuta minn provi konkreti, oġġettivi u sikuri kif ingħad iktar 'il fuq.

83. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Avukat Ġenerali għandha raġun fl-appell tagħha. Ma tistax taqbel mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li teħles lill-appellat minn kull ħtija għal dan l-inċident. Biss, minħabba l-fatt li anki l-vittma kkontribwixxa mhux bi ftit għall-mewt tagħha, għalkemm dan l-inċident stradali spiċċa bil-mewt ta' bniedem, il-piena fil-konfront tal-appellat għandha tirrifletti wkoll l-element kontributorju tal-istess vitma. Iżda bl-ebda mod ma jista' jingħad li dan l-inċident stradali seħħ biss u unikament tort tal-istess vitma.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar is-sentenza appellata u filwaqt li ssib lill-appellat SULTANA ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, tikkundannah għal piena ta' **<u>sentejn priġunerija li sejrin jiġu sospiżi għall-perjodu ta' erba' snin</u>** mid-data ta' din is-sentenza fis-sensi tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tiddikjara li fisret fi kliem sempliċi u li jinftiehem lill-appellat SULTANA il-konsegwenzi li jitnislu f'każ li matul dan il-perjodu huwa jikkometti reat ieħor fis-sens tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti tordna wkoll il-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inoltre, in vista tas-sejbien ta' ħtija għall-ksur tal-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda tordna **<u>s-</u>**

**sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien sitt xhur li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl tal-lum.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**